# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2016**

**Numru**
**Ċitazzjoni numru 1778/2000 JZM**

**Stephen Galea**

***v.***

**Frans Farrugia, Raymond Vassallo, John Abdilla, Godfrey Borg, *Malta Drydocks*; u b'dikriet tas-27 ta' Frar 2004 Saviour Gauci, Direttur Ġenerali (*Operations*) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi assuma l-atti flok *Malta Drydocks*; u b'dikriet tal-21 ta' Mejju 2010 Joseph Croker f'isem il-Gvern ta' Malta bħala suċċessur tal-*Malta Drydocks* issostitwixxa lil Saviour Gauci fil-kwalità tiegħu premessa; u b'dikriet tad-29 ta' Ġunju 2014 Claude Cuschieri assuma l-atti minflok Joseph Crocker għan-nom tal-Gvern ta' Malta bħala suċċessur tal-*Malta Drydocks***

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallfin ta' din il-qorti mressqa mill-attur Stephen Galea b'rikors tad-29 ta'

Settembru 2016, presumibilment (għax fir-rikors l-attur ma jsemmix id-disposizzjoni tal-liġi li fuqha qiegħed isejjes ir-rikuża) taħt l-art. 734(1)(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> **»734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> »…
>
> »(*e*) jekk hu … … … ikoll[u] interess dirett jew indirett dwar kif tinqata' l-kawża.«

2. Il-konvenuti wieġbu fis-6 ta' Ottubru 2016.

3. L-attur fisser hekk ir-raġuni għar-rikuża:

> »Illi l-imparzjalità tal-ġudikanti hija pilastru tas-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna u tfisser assenza ta' preġudizzju u *bias*. L-esponent qed jibbaża l-eċċezzjoni ta' rikuża għall-[imħallfin] *in vista* tal-provvedimenti mogħtija minnhom. Huma ma jistgħux jipparteċipaw, wisq inqas jiddeċiedu huma stess, l-eċċezzjoni ta' rikuża, speċjalment meta dak li qed jigi kkontestat huwa l-operat tagħhom stess b'mod konkret dwar dak li seħħ mis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 'il quddiem. Hemm verbali speċifici u materjali li juru li huwa proprju l-operat tagħhom li qed jiġi kkontestat, u dan apparti l-animożità u l-ostilità manifestati mis-S.T.O. Prim'Imħallef Silvio Camilleri f'ċerti ħinijiet *seduta stante*.
>
> »Illi l-mod kif imxiet din l-onorabbli qorti biex iddeċidiet l-eċċezzjoni tar-rikuża u lprovvedimenti lamentati tas-27 ta' Mejju [*recte*, tra' Frar] 2015 u tal-11 ta' Jannar 2016 iqajjmu dubji leġittimi u oġġettivi dwar l-imparzjalità u nuqqas ta' preġudizzju tal-qorti kif komposta. Kif jistgħu jiddeċiedu jekk huma stess kinux qegħdin jaġixxu b'mod imparzjali, speċjalment meta kienu huma stess li ddikjaraw li kien għadu għaddej it-terminu biex titħallas il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell prinċipali da parti tal-esponent, u din fil-fatt tħallset? In effett, bil-provvediment tagħhom tal-11 ta' Jannar 2016 huma ddeċidew dwar l-operat tagħhom stess (ara dwar ir-rekwiżit ta' imparzjalità s-sentenza <u>Micallef v. Malta</u>, nº 17056/06, 15 ta' Ottubru 2009).
>
> »Illi ladarba S.T.O. Prim'Imħallef Silvio Camilleri, Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u Onor. Imħallef Noel Cuschieri ddeċidew dwar l-operat tagħhom stess kif rifless fil-verbali mit-2 ta' Frar 2015 'il quddiem, jiġi umilment sottomess, m'għadhomx jistgħu jagħtu garanzija dwar l-imparzjalità tagħhom u għalhekk għandhom jirtiraw minnu-fih.
>
> »Illi r-raġunijiet mogħtija mill-esponent huma speċifici, u l-operat impunjat tal-ġudikanti jirriżulta mill-atti tal-kawża. Dan kollu jwassal għall-konklużjoni li t-tliet ġudikanti sedenti ddeċidew huma stess kontestazzjoni indirizzata lejhom u qegħdin iwarrbu l-principju *nemo judex in causa propria*.

> »Illi l-esponent ma jistax ikollu fiduċja li qiegħda tiġi amministrata l-ġustizzja meta din l-onorabbli qorti fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 kienet iddifferiet il-kawża biex jiġi ttrattat l-appell tiegħu wara li titħallas il-kawtela, imbagħad il-President tal-Qorti jqajjem huwa stess il-kwistjoni tar-riappuntament fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2015 u dan iwassal biex fis-seduta sussegwenti l-avukati tal-kontroparti jaħtfu l-opportunità li tqiegħdet quddiemhom u jgħidu li l-appell prinċipali kien deżert.«

4. Il-provvedimenti msemmija fir-rikors huma dak tas-27 ta' Frar 2015, li bih ġiet deċiża eċċezzjoni ta' rikuża tal-president tal-qorti, u dak tal-11 ta' Jannar 2016. Il-provvediment tal-11 ta' Jannar ingħata għax l-attur kien tal-fehma illi meta fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 il-qorti tatu żmien biex jikkawtela l-appell tiegħu li kien ġà mar deżert fit-28 ta' Ottubru 2014[1], b'hekk il-qorti kienet ħassret l-effett tad-deżerzjoni u l-appell kellu għalhekk jerġa' jiġi appuntat għas-smigħ. Wara li semgħet trattazzjoni dwar hekk, il-qorti fl-14 ta' Diċembru 2015 iddifferiet is-smigħ għall-11 ta' Jannar 2016 sabiex jingħata l-provvediment relativ. Fil-11 ta' Jannar 2016 imbagħad il-qorti tat il-provvediment *de quo* li bih iddeċidiet illi meta appell imur deżert is-sentenza appellata b'disposizzjoni espressa tal-liġi ssir *res iudicata* u l-appell ma jistax jerġa' jingħata l-ħajja, lanqas mill-qorti.

5. Għalkemm l-attur jittratta promiskwament iż-żewġ provvedimenti, il-qorti sejra tittrattahom kull wieħed għalih billi, għalkemm jista' jkun hemm konsiderazzjonijiet li jgħoddu għat-tnejn, hemm ukoll konsider-azzjonijiet differenti għal kull wieħed minnhom.

6. Dwar il-provvediment li bih ġiet deċiża l-eċċezzjoni ta' rikuża, il-liġi stess tipprovdi fl-art. 738(2) illi:

---

[1] Il-kawża baqgħet tidher fuq il-lista tal-kawżi quddiem il-qorti minkejja d-deżerzjoni billi kien għadu qiegħed jinstema' l-appell inċidentali tal-konvenuti.

> »**738.** (2) Fil-każijiet li fihom il-qorti hija kkostitwita b'iżjed minn imħallef wieħed, l-imħallfin kollha, u fosthom l-imħallef irrikużat, jiddeċidu fuq l-eċċezzjoni ta' rikuża, u meta hemm dubju jekk ir-raġuni miġjuba għall-astensjoni hix tajba jew le, l-imħallfin kollha, fosthom l-imħallef li jkun ġieb dik ir-raġuni, jiddeċidu fuq ir-raġuni ta' rikuża jew ta' astensjoni.«

7. Għalhekk meta l-president tal-qorti iddeċieda, flimkien mal-imħallfin l-oħra, l-eċċezzjoni ta' rikuża, kien qiegħed jimxi kif tgħid u trid il-liġi u ma setax ma jiddeċidix hu wkoll dwar ir-rikuża.

8. Dwar il-provvediment tal-11 ta' Jannar 2016, l-attur qiegħed igħid illi meta taw dik id-deċiżjoni l-imħallfin li jikkomponu l-qorti kienu qegħdin jiddeċiedu "kontestazzjoni indirizzata lejhom".

9. Bla ma toqgħod tqis ukoll illi r-rikuża relativa għal dan il-provvediment kellha ssir hekk kif il-kawża ġiet fl-14 ta' Diċembru 2015 differita għal data oħra sabiex jingħata l-provvediment, u mhux wara li l-provvediment ingħata, il-qorti tosserva li dak illi iddeċidiet bil-provvediment tal-11 ta' Jannar 2016 kien dwar l-effetti ta' episodju li seħħ waqt is-smigħ tal-kawża u mhux dwar "kontestazzjoni" indirizzata lejn l-imħallfin. Deċiżjoni dwar dak l-episodju kienet meħtieġa sabiex ikun jista' jitkompla s-smigħ. Il-fatt illi qorti tiddeċiedi fuq l-effett ta' verbal dettat minnha stess ma jfissirx illi l-imħallfin ta' dik il-qorti għandhom "interess dirett jew indirett" f'dak il-verbal. Ma hux meħtieġ li ġudikant jastjeni kull meta tqum il-ħtieġa li jagħti imterpretazzjoni jew kjarifika ta' provvediment li jkun ta hu stess, jew li jkun ingħata minn qorti li tagħha jkun membru, u lanqas ma hu meħtieġ li tinbidel il-komposizzjoni tal-qorti kull meta jqum jew jiġi provokat episodju bħal dak.

10. L-attur jgħid ukoll illi l-president tal-qorti wera “animożità u ostilità” waqt is-smigħ tal-kawża. Fil-waqt li jagħmel din l-allegazzjoni x’aktarx serja – ukoll għax jista’ jkun hemm min jaħseb illi jekk allegazzjoni ssir kemm-il darba r-ripetizzjoni weħedha ssir prova ta’ dak allegat – l-attur ma jsemmi ebda episodju speċifiku u lanqas igħid jekk l-animożità u ostilità kinux diretti lejh jew lejn l-avukat tiegħu.

11. F’kull każ, l-art. 988(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi “Imiss lill-imħallfin u lill-maġistrati rispettivament li jġiegħlu li jinżamm il-bon-ordni waqt is-seduti tal-qrati li fihom joqogħdu”. Il-fatt illi mħallef ikollu jiġbed l-attenzjoni ta’ parti jew tal-avukat tagħha li mġieba ta’ dik il-parti jew ta’ dak l-avukat tfixkel iż-żamma tal-bon-ordni ma jfissirx b’hekk illi dak l-imħallef ikun qiegħed juri animożità jew ostilità lejn dak li jkun; l-imħallef ikun qiegħed biss jagħmel dmiru kif irid l-art. 988(1) fuq imsemmi, u jkun qiegħed jonqos li ma jagħmilx hekk.

12. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta’ rikuża. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jiħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb